



Stqarrija għall-Istampa

Lussemburgu, il-25 ta' Frar 2021

L-awdituri tal-UE jivverifikaw il-progress li sar lejn suq uniku għall-fondi ta' investment

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) nediet awditu biex tivvaluta l-progress tal-UE fil-ħolqien ta' suq uniku għall-fondi ta' investment. L-awdituri se jeżaminaw jekk is-sett ta' regoli li qed jevolvi huwiex adattat għall-iskop tiegħu u jekk l-UE kinitx ippromwoviet prassi superviżorja komuni fost l-Istati Membri u kinitx immitigat b'mod effettiv ir-riskju għall-investituri, is-swieg u l-istabbiltà finanzjarja. Fil-previżjoni ta' awditu, li għet ippubblikata llum, l-awdituri jiġbdu l-attenzjoni wkoll għal vulnerabbiltajiet potenzjali tas-settur u għal riskji għall-istabbiltà finanzjarja. F'Marzu 2020, pereżempju, fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, flussi kbar ta' ħruġ mill-fondi ta' investment irriżultaw f'taqlib fis-suq.

"Fi żminijiet meta r-rati tal-imġħax ikunu baxxi ħafna, huwa partikolarment importanti li jiġu protetti l-konsumaturi li jfittxu redditi mit-tfaddil tagħhom u li tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja" qal Rimantas Šadžius, il-Membru tal-QEA li qed imexxi l-awditu. *"L-awditu tagħna se jivverifika jekk l-UE ħolqitx suq uniku effettiv għat-tipi kollha ta' fondi ta' investment li jservu kemm lill-investituri kif ukoll lin-negozji."*

Il-fondi ta' investment jgħinu biex tiġi żgurata allokkazzjoni kosteffettiva tal-kapital lin-negozji u jipprovdu lill-investituri b'redditi potenzjalment għoljin, aktar mir-rati tal-banek. Dawn huma l-aktar settur importanti ta' intermedjazzjoni finanzjarja mhux mill-banek f'termini ta' valur tal-assi u jaqgħu taħt żewġ kategoriji prinċipali: għal investituri fil-livell tal-konsumatur (eż. bonds) u investituri professjonisti (eż. fondi ħeġġ). F'Settembru 2020, il-valur nett tal-assi ta' madwar 64 000 fond ta' investment domiċiljati fl-Ewropa ammonta għal madwar EUR 17.6 triljun – żieda ta' aktar minn EUR 10 triljun mill-2009 'l hawn. Ibbażat fuq l-assi netti tagħhom, l-unitajiet domestiċi għandhom kważi żewġ terzi tal-fondi ta' investment Ewropej, jew direttament jew inkella permezz ta' assiguraturi u fondi tal-pensjonijiet, u dan jenfasizza r-raġuni għalfejn il-protezzjoni tal-konsumatur hija daqshekk importanti.

L-UE kienet qed iżżid gradwalment ir-regolamentazzjoni tagħha tas-settur, b'mod partikolari mill-kriżi finanzjarja tal-2008 'l hawn. Madankollu, minkejja l-isforzi tagħha biex tiżviluppa s-suq uniku

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-previżjoni ta' awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-previżjoni sħiħa hija disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

u l-fatt li l-fondi domiċiljati fl-UE kemm għall-investituri fil-livell tal-konsumatur kif ukoll għall-investituri professjonali jibbenefikaw mill-“passaport Ewropew” għall-kummerċjalizzazzjoni fl-UE kollha, l-industrija tal-fondi ta’ investment għadha kkonċentrata fi ftit Stati Membri. Fl-2020, aktar minn 80 % tal-assi netti kollha mmaniġġjati kienu miżmuma fil-Lussemburgu (EUR 4.7 triljun), fl-Irlanda (EUR 3.1 triljun), fil-Ġermanja (EUR 2.4 triljun) u fi Franza (EUR 2 triljun), filwaqt li aktar minn nofs l-assi netti kollha tal-investituri fil-livell tal-konsumatur (dawk li huma magħrufa bħala fondi tal-UCITS) kienu domiċiljati fil-Lussemburgu jew fl-Irlanda. Barra minn hekk, reċentement fl-2018, madwar 70 % tal-assi kollha mmaniġġjati fl-Unjoni kienu miżmuma minn fondi awtorizzati jew irreġistrati għad-distribuzzjoni fi Stat Membru wieħed biss. Peress li ħafna regoli jiġu ddeterminati fil-livell tal-Istati Membri, jista’ jkun hemm differenzi regolatorji sinifikanti bejniethom.

Informazzjoni ġenerali

Il-fondi ta’ investment jinħolqu bl-iskop li jinġabar il-kapital u jiġi investit permezz ta’ portafoll ta’ assi bħal stokks, bonds u proprjetà immobbli. Dawn għandhom rwol importanti fl-Unjoni tas-Swieq Kapitali, l-inizjattiva ewlenija tal-UE biex ikun hemm fluss ta’ investimenti u tfaddil fl-Unjoni kollha. Ir-regolamenti tal-UE għandhom l-għan li joħolqu suq uniku kompetittiv għall-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-fondi biex l-investituri jingħataw għażla usa’ ta’ prodotti li jistgħu jafdaw u jnaqqsu t-tariffi.

Għal aktar dettalji, ara l-previżjoni ta’ awditu “A single market for investment funds – ensuring investor protection and financial stability”, li hija disponibbli bl-Ingliż fuq eca.europa.eu. Il-previżjonijiet ta’ awditi huma bbażati fuq xogħol ta’ tnejn li jsir qabel ma jinbeda awditu u ma għandhomx jitqiesu bħala osservazzjonijiet, konklużjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tal-awditjar. Dan huwa l-ewwel awditu tal-QEA dwar il-fondi ta’ investment u l-aktar wieħed reċenti f’sensjela ta’ awditi dwar is-superviżjoni fis-settur finanzjarju tal-UE li jinkludu rapporti dwar is-superviżjoni tal-[aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu](#), is-[superviżjoni bankarja](#), l-[istress test](#), is-[sorveljanza fis-settur tal-assigurazzjoni](#) u s-[swieq kapitali](#). Ir-rapport se jiġi ppubblikat bejn wieħed u ieħor fi żmien sena.

Kuntatt għall-istampa għal din il-previżjoni ta’ awditu:

Damijan Fišer – E: damijan.fiser@eca.europa.eu T: (+352) 4398 45510 / M: (+352) 621 552 224